# AHJAR GHASFUR F'IDI...

Radjodramm Soċjali ta' *VIC. APAP*

ORSLA: X'għandek Ton, qiegħda narak imħasseb u bil-geddum?

TONINU: Ma, wieħed minn ħbiebi sa jagħmel *party* għax sa jagħlaq sbatax-il sena.

ORSLA: Naf xi trid tgħid: jien qatt ma nagħmillek xejn.

TONINU: Mhux għalhekk, ma.

ORSLA: Kieku jien ukoll nixtieq nagħmillek ħafna affarijiet ... imma, kif taf int, ix-xlief tiegħi ma jlaħħaqx.

TONINU: Mhux għaliex il-ħabib tiegħi sa jkollu *party* li għandi qalbi sewda. Ma nistax immur bħal sħabi l-oħra għall-festa li sa jagħmel.

ORSLA: Għala? Ma stidnekx, ibni?

TONINU: Stedinni kieku, imma ma nistax immur.

ORSLA: La stiednek għala ma tmurx? M'għandekx xi jżommok.

TONINU: Kif tridni mmur, ma? Immur bil-ġakketta u l-pullover ta' l-iskola?

ORSLA: Biex ksibthomlok, qed ikolli nħallas tagħhom bit-tant fil-ġimgħa, ibni.

TONINU: Naf, ma, naf. Imma m'iniex sa nidher quddiem ħbiebi għall-festa ta' John bl-uniformi ta' l-iskola. Biżżejjed niskartahom nhar ta' Ħadd biex ma jarawnix liebes dejjem l-istess.

ORSLA: U fejn sa joqogħdu jagħtu kas ħbiebek ta' xi tkun liebes!

TONINU: Barra minn hekk, hemm ħaġ'oħra wkoll.

ORSLA: Emminni Toninu, kemm issewwidli qalbi meta nisimgħek titkellem hekk. Għidli: x'hemm ħaġ'oħra?

TONINU: Sħabi kollha bil-flus fil-but għax jaħdmu. Jien biss dejjem narmi l-għaks.

ORSLA: L-oħrajn għandhom 'il missierhom għadu ħaj. Int trid taħdem għalik ommok.

TONINU: M'iniex qiegħed ingerger għalik. Lanqas igħaddili dalħsieb minn moħħi. . . imma ma narax il-mument li nibda naħdem jien ukoll.

ORSLA: 'Il quddiem, tibżax, għad tkun taħdem int ukoll.

TONINU: 'Il quddiem, 'il quddiem! Għax ma nsibx xi post fejn naħdem u nitlaq mill-iskola.

ORSLA: X'inti tgħid, ibni? Ara, ifhimni x'sa ngħidlek: kieku kellek titlaq l-iskola u tibda taħdem, għalija kien ikun aħjar għax ikolli min iġib xi sold għad-dar.

TONINU: (*jaqtgħelha kliemha*) Mela naqblu!

ORSLA: Ħallini nkompli, ibni. Bħalma għidtlek, jekk naħdmu t-tnejn ikun aħjar. Imma għidli ftit: bħalissa x'post tista' ssib, għad għandek sittax-il sena?

TONINU: Mhux dejjem xi ħaġa? Aħjar mix-xejn.

ORSLA: M'intix tħares fil-bogħod, ibni. Fuq kollox, moħħok jagħtik għall-istudju u sejjer tajjeb ħafna fl-iskola.

TONINU: Mur ara kemm sa tiswieli skola iktar milli naf! Il-lum u sena oħra l-istess!

ORSLA: Tiswielek, ibni. 'Il quddiem tkun tista' ssib post tajjeb u ma jkun jonqsok xejn. Bl-iskola li għandek ma tista' qatt issib impieg suret in-nies.

TONINU: Biex tkun tafha, ma: issa għamilt f'qalbi mmur l-iskola. Ukoll jekk nibqa' mmur, mhu sa jiswieli għalxejn. Moħħi m'għadux aktar fl-istudju.

ORSLA: M'iniex tal-fehma li titlaq mill-iskola. Taf li qatt ma gemgimtlek fuq xejn. Fejn ili nistinka s-snin biex irrabbik sewwa, inkompli ftit ieħor sakemm narak imlaħħaq kif jixraqlek fil-ħajja.

TONINU: Kliemek sabiħ, ma. Imma taf għal min igħodd? Għal min ma jagħmilha ma' ħadd, bħalek; għal min id-dinja tiegħu twassal biss erba' passi: mid-dar sal-knisja u lura. Jien, ma, irrid inkun bħal ħaddieħor, b'xi ħaġa tal-flus fil-but nhar ta' Ħadd u b'libsa li ma nħammarx wiċċi nidher biha quddiem ħbiebi.

ORSLA: Jekk tkompli tistudja hekk għad tkun.

TONINU: Aħjar għasfur f'idi minn mija fl-ajru, nismagħhom igħidu. U hekk sa nagħmel. Minn għada stess infittex impieg, ikun xi jkun, u naħtfu b'idejja t-tnejn.

* * *

PAWLU: Xtaqt kieku sibt wieħed li jinqala' għall-*book-keeping* biex għallanqas ikun jaf iżommli l-kontijiet; imma, xi trid

tagħmel, l-aqwa li taf bl-Ingliż u tkun tista' titkellem ma' dawk li jidħlu fil-ħanut.

TONINU: Nagħmel mill-aħjar biex naqdik.

PAWLU: Jaqbillek. Ġew ħafna oħrajn biex jidħlu miegħi, uħud minnhom b'ċertifikati tajba tal-G.C.E. Kont inkun moqdi tajjeb ferm b'wieħed minnhom, imma, ngħidhielek, kollha laħqu għalqu t-tmintax-il sena. Dażżmien marbutin bil-liġi tal-pagi skond l-età. Allura jaqbilli nżomm lilek.

TONINU: Minni ma jkollokx mniex tgemgem. Issa tara.

PAWLU: Ilkoll hekk tgħidu. Issa l-ħinijiet tiegħi tafhom?

TONINU: Le, għadek ma għidthomlix.

PAWLU: Niftħu fid-disgħa ta' fil-għodu sas-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Imbagħad nerġgħu niftħu fit-tlieta u nofs sat-tmienja ta' fil-għaxija. Nhar ta' Sibt nibqgħu miftuħin sad-disgħa. Nhar ta' Ħadd tkun frank.

TONINU: U fil-festi wkoll, hux?

PAWLU: Fil-festi niftħu nofs ta' nhar biss. Xogħlok ikun li taqdi l-parruċċani fil-ħanut, tistiva l-merkanzija li taslilna, u tagħti tfarfira u kinsa ħafifa kull fil-għodu.

TONINU: Infarfar u niknes jien?

PAWLU: Dak biss. Għall-ħasil ta' l-art u tal-vetrini jkolli nħallas barrani. Jiġi daqsxejn ta' ġuvnott darba fil-ġimgħa. Issa tista' tibda għax ħlejna ħin biżżejjed inpaċpċu. Ara daħlu n-nies. L-oġġetti kollha għandhom il-prezz fuqhom.

* * *

TONINU: (*imdejjaq u għajjien*) Wasalt, ma.

ORSLA: (*mill-bogħod*) Qiegħda nsaħħanlek l-ikel, Ton.

TONINU: (*riesaq*) Inħossni għajjien mejjet. Ma straħtx kwarta bil-qiegħda. Meta ma kellniex nies, qalagħli l-vetrini.

ORSLA: Mela m'għadux iġib wieħed għall-ħasil tal-vetrini?

TONINU: Għadu. Imma l-lum tah li jirranġa l-vetrini. Għajejt tiela' u nieżel mas-sellum, u nqandel għal fuq l-ixkaffi.

ORSLA: Xi trid tagħmel, ibni! Taf li mhux minni kien li taqbad taħdem.

TONINU: (*jisbel*) Xbajt nisimgħek tgħiduli dal-kliem. Għax ma tgħidx li qiegħed jerdagħli demmi!? Dak hu!

ORSLA: Il-ħinijiet qalhomlok mill-ewwel, ibni.

TONINU: U l-ħinijiet biss? Ma qallix li sa jibda jipprofitta minn kull ħaġa ta' xejn biex inaqqasli mill-paga tal-ġimgħa.

ORSLA: Daka jagħmillek hekk biex ma tkunx traskurat. Il-merkanzija bil-ħsara ma' wiċċu tibqa'.

TONINU: (*bil-herra*) Mela, skond kliemek, jiena traskurat! Hux hekk jien?

ORSLA: M'iniex ngħidlek dan.
TONINU: Jipprofitta, ma; dak li jagħmel. Il-lum stess: ftaħt kaxxa bit-tazzi u kien hemm tmienja mkissrin. Għaddhom u naqqashomli mill-paga. Ma riedx jifhem li hekk waslu. Qal li nkisru għax tlaqt il-kaxxa minn fuq spallti bil-guffagni. Tista' tgħid li ma tiġix ġimgħa li ma jarax fuqiex iqabbad difrejh.
ORSLA: Għax ma tipprovax issib post aħjar?
TONINU: Kelma għidt. Mhux għalkemm issib post aħjar. Wara kollox, x'ħin tridni mmur nitkellem: fid-disgħa ta' bil-lejl?
ORSLA: Imma intom fit-tmienja tagħlqu.
TONINU: Għall-klijenti nagħlqu fit-tmienja, meta fil-ħanut ma jkun fadal ħadd dak il-ħin. Imbagħad ikun irid li nqiegħdu f'posthom l-affarijiet li nkun qlajt u li ma nkunx ilħaqt warrabt waqt ir-*rush* tan-nies. Fil-ħanut hemm bżonn ta' tnejn minnies oħra biex ma jkunx hemm tbatija. Hu ma jiċċaqlaqx minn fuq il-*cash*.
ORSLA: Hawn, Ton, għandek l-ikel. Tħallihx jiksaħlek.

* * *

ABELA: Għaddi, Orsla, għaddi.
ORSLA: Ġejt biex nara għandekx xi risposta għal ibni, Sur Abela.
ABELA: M'għamilna xejn, Orsla.
ORSLA: Jiena għidt żgur sa taqdini daqskemm taf nies, sinjur.
ABELA: Daqshekk hu. Tkellimt ma' ħafna ħbieb tiegħi, imma m'għamilna xejn. Min igħidlek, mal-Gvern bl-eżamijiet, meta jkun hemm xi eżami jersaq; min irid lil xi ħadd ta' esperjenza; oħrajn jitolbuk iċ-ċertifikati tas-*Senior* jew tal-Matrikola. Min ħaġa u min oħra, ma rnexxieli nsiblu ebda post.
ORSLA: Santa, santa, kif sirna! Dana ibni ma jridx xi post għoli; daqsxejn ta' impieg biex għallanqas ikun qed jagħmel xi ħaġa... (*mortifikata*) Fejn wasalna: Matrikola, *Senior*, *book-keeping*, *shorthand*, *typewriting* għal daqsxejn ta' impieg bla ebda futur ta' xejn.
ABELA: Imma hu qed jaħdem, hux hekk?
ORSLA: Qed jaħdem kieku. Sar miżerja f'dis-sena u nofs li ilu jaħdem f'dal-post.
ABELA: Eh, Ors, il-paga n-nies ma jħallsuhiex ta' xejn.
ORSLA: U kieku lanqas igerger sa barra minn hekk. Imma issa diġà beda jtektiklu li minn hawn u erba' xhur oħra jibagħtu 'l barra.
ABELA: Għala? Sa jagħlaq il-ħanut? Ma naħsibx, daqskemm hu mqabbad tajjeb.

ORSLA: Le, x'jagħlaq jagħlaq! Imma erba' xhur oħra Toninu tiegħi jagħlaq tmintax-il sena.

ABELA: B'daqshekk?

ORSLA: Jekk jibqa' jżommu miegħu, is-Sur Pawl ikollu jżidu fil-paga.

ABELA: Fhimtek. Allura flok iżomm lil ibnek b'paga ogħla, idaħħal wieħed ieħor iżgħar u jiġi qed jiffranka...... fl-istess ħin ikun qed jinqeda l-istess.

ORSLA: Ma nafx kemm jinqeda l-istess. Hemm differenza bejn wieħed u ieħor. Ibni qatt ma messlu b'ħaqq labra tar-ras. Li kellu qabel, kien qed iġorru pulit pulit. Kellu jeħles minnu l-Hum qabel għada.

ABELA: Imma dawn l-affarijiet ċerti nies ma jqisuhomx.

ORSLA: Insomma, ibni riżqu ħażin wisq. Ma rridx intellfek ħin iktar. Nirringrazzjak xorta waħda tat-taħbit li ħadt minħabba f'ibni.

ABELA: Jekk jinqala' xi ħaġa mill-ġdid ngħarrfek. Inti, tkun għaddejja minn hawn, ma titlef xejn jekk tidħol tistaqsini.

ORSLA: Grazzi ta' kollox. Tkun qed tarfa' ruħ mill-Purgatorju. Saħħa, Sur Abela.

ABELA: Saħħa, Orsla.

* * *

TONINU: Ma, mort għand is-Sur Abela?

ORSLA: (*xotta*) Iva... mort.

TONINU: Għalxejn, hux?

ORSLA: M'għamilna xejn.

TONINU: Bsartu jien. Rajtek xotta fi kliemek.

ORSLA: Xi stajt nagħmel iżjed, ibni?

TONINU: Ma fissirtlux li minn hawn u ftit ieħor sa nkun bla xogħol? M'għidtlux li sa narġa' nsirlek ta' pis fuq spallejk bħalma kontlok meta kont għadni mmur l-iskola?

ORSLA: Għidtlu, iva. Kollox għidtlu.

TONINU: U hu x'qallek? Ma kellimli 'l ħadd? Nesa kemm kont tagħmillu pjaċiri u tmur toqgħodlu ma' wliedu meta kienu għadhom żgħar?

ORSLA: Tgħidx hekk fuq is-Sur Abela. Dejjem ħallasni tajjeb talli għamilt miegħu.

TONINU: Mela ma ngħidx? La jkollhom ħobżhom maħbuż, xejn ma jimpurtahom mill-bżonnijiet ta' ħaddieħor.

ORSLA: Is-Sur Abela għamillek mill-aħjar... imma ma rnexxilux.

TONINU: Tant għamilli mill-aħjar li ħallieni nċeċjaq.

ORSLA: Qalli li tkellem ma' kemm-il wieħed.

TONINU: U ma wasal imkien. Ir-rakkmandazzjonijiet — jekk għamilhom — ma swew xejn.

ORSLA: Qalli li mal-Gvern ma jistax iqabbdek taħdem għax dawk l-impiegi jsiru bl-eżamijiet.

TONINU: Sata' ma qallek xejn. Sa daqshekk konna nafu daqsu.

ORSLA: Qalli wkoll li tkellem ma' nies oħra: min qallu li jrid wieħed jaf il-*book-keeping*, min talbu ċertifikat tas-*Senior*, u min staqsieh jekk tafx ix-*Shorthand*. Minn dan kollu xejn ma għandek int.

TONINU: Allura l-impiegi għal dawn biss qegħdin?

ORSLA: Is-Sur Abela ma satax jitkellimlek għal xi post tas-sengħa għax inti m'għandek l-ebda sengħa. Ma tgħidx taf taħdem fl-elettriku, jew fl-injam, jew fil-muturi, xejn.

TONINU: Mela nista' ngħid li għalija m'hemm l-ebda xaqq dawl.

ORSLA: Tgħidlix li rrid inqanqal l-imgħoddi; imma kemm kont ngħidlek biex ma titlaqx l-iskola.

TONINU: Ma, tarġax tibda.

ORSLA: Kieku din is-sena u nofs, flok qbadt taħdem fejn ġie ġie, komplejtha l-iskola, kieku s'issa għandek iċ-ċertifikati li teħtieġ biex ikollok post għal qalbek u ma kien ikun jonqsok xejn.

TONINU: Issa li hemm hemm.

ORSLA: Ma smajtx mit-twissijiet tiegħi, ibni. Kont tgħidli: "aħjar għasfur f'idi minn mija fl-ajru". Kont tgħir għal sħabek għax tarahom bil-flus fil-but waqt li int kont għadek medhi fuq il-kotba.

TONINU: Ma, xbajt nisimgħek tgħid.

ORSLA: Qabel forsi kont dgħajfa wisq miegħek u ħallejtha tgħaddi ta' rasek bla ma waqaftlek kif kien imissni nagħmel. Għaddiet sena u nofs minn ħajtek mingħajr ma kenitlek ta' ebda siwi. Sena u nofs fil-ħajja ta' ġuvni mhumiex ċajta meta għal għadma hawn mitt kelb.

TONINU: (*imdejjaq*) X'tistenna, ma, li nċapċaplek għal kliemek mimli għerf u għaqal? Issa ħallik mit-tħewdin. . . Issa fatti rridu, ma. Irrid naf x'sa nagħmel la s-Sur Pawl jitfagħni 'l barra. Dak l-importanti. Billi noqgħod innewwaħ fuq x'messni għamilt, imma m'għamiltx, fejn inkun nibqa'. M'iniex nitlob wisq jien mid-dinja. Għallanqas li nkun nista' nibqa' nżomm il-post li għandi.

ORSLA: Imma la l-liġi qiegħda hekk, ibni, xi trid tagħmel?

TONINU: (*jisħon*) Il-liġi mhux in-nies għamluha? Jagħmlu oħra li ma tistax titfa' 'l barra impjegat onest għalxejn b'xejn. Il-Gvern jindaħal lid-ditti privati sa liema età jibqgħu jżommu lill-impjegati tagħhom? Le, hux? Jistgħu jibqgħu jżommuhom

ukoll wara li jkunu għalqu s-sittin. Mela ma jindaħalx fil-paga ta' min ikun għalaq it-tmintax. Aħjar xi ħaġa milli xejn.

ORSLA: Qed tħallat ħaġa m'oħra, ibni... imma nagħdrek għax bħalissa qiegħed tqis b'xibrek biss. Meta tkun aktar kalm inkunu nistgħu nitkellmu aħjar.

TONINU: Meta nista' nkun kalm jien? Meta nagħlaq snini u bħala rigal għall-*birthday* il-prinċipal igħidli: "Daqshekk għamilt miegħi. Minn għada għandi 'l ħaddieħor iżgħar minnek"?

ORSLA: Issa biżżejjed. Hawn ġibtlek l-ikel. Oqgħod kul bil-kwiet.

TONINU: (*furjuż*) X'noqgħod niekol bil-kwiet! Mela niflaħ indaħħal ikel fl-istonku tiegħi? Ma rridx niekol! Ħiereġ 'il barra biex immur nimxi waħdi qalb l-egħlieqi fejn ma nara 'l ħadd. Sejjer!

ORSLA: (*imbikkija*) Ħu xi ħaġa qabel toħroġ. Toninu isma' minni. (*Tisbita tal-bieb ta' barra*).